**BIBLIJOGRAFIJA TAR-RIVISTA *IL-MALTI* (1970-1999)**
NOEL CACHIA

-----------------------------------------------------------------------------------------------------

## It-Tielet Parti

## ANALIŻI KRITIKA TAX-XOGĦLIJIET EWLENIN

F'dan it-tielet kapitlu se nagħmel studju kritiku tax-xogħlijiet l-aktar komuni u ewlenin li dehru fir-rivista *Il-Malti* mill-1970 sa l-1999. Filwaqt li aktar 'il quddiem se nitkellem fuq il-poeżija, issa se nagħti ħarsa lejn il-proża.

> "Il-proża hija lingwa li normalment ma tinqediex b'xi struttura metrika u tista' tintuża b'mod formali jew informali biex twassal xi tagħrif, tirrakkonta xi ġrajja, jew tikkomunika xi idea jew opinjoni u għaldaqstant taf tħaddem varjetà ta' ritmi skond il-ħtieġa."[1]

Il-proża fir-rivista *Il-Malti* hija vasta għax fost l-oħrajn tinkludi n-novella, l-istorja, l-esej, l-istudji, il-bijografija, l-artikli u l-editorjali.

Fir-rivista *Il-Malti* kemm fl-artikli kif ukoll fl-editorjali[2] wieħed isib varjetà ġmielha. Dawn l-artikli u l-editorjali huma miktuba bil-għan li jippromwovu l-alfabett ta' l-Akkademja[3], joħolqu kuxjenza favur l-Ilsien Malti[4], il-kultura[5] u l-istorja ta' Malta[6], juru l-atttivitajiet li saru u oħrajn imħejjija fil-qrib[7], ifakkru f'kittieba li ħallewna[8] u jagħtu xi biblijografiji[9]. Ma'

---

1 Briffa, C.,*In-Novella Maltija* (PIN, 1999), p. 1.
2 *Webster's 3rd New international Dictionary* (Kumpanija G.u C. Merriam, 1961), p. 123. "Artiklu" u p. 723 "Editorjal".
3 Zarb Adami, G., "Kif Bdiet u Mxiet l-Akkademja tal-Malti" f'*Il-Malti* (Diċembru 1973), p.108-111.
4 Agius Muscat, A., "Il-Bieraħ Illum u Għada" f'*Il-Malti* (Settembru 1997), p.(i-vi).
5 Fenech Karm S.J., "Istitut ta' Kultura Maltija" f'*Il-Malti* (Diċembru 1974), p. 97-98.
6 Zammit Ciantar J., "Tifkira ta' Żewġ Assedji" f'*Il-Malti* (Sena 1990), p. 53-57.
7 Ghigo J.M., "Mid-Djarju ta' l-Akkademja" f'*Il-Malti* (Sena 1989), p. 4-8; (Sena 1990), p. 3-5; (Sena 1991), p. 4-6.
8 Galea Scannura, C. "Nekroloġija: Ġużè Cardona" f'*Il-Malti (* Sena 1989), p. 55-56.
9 Cassar Pullicino, Ġ., "Kotba bil-Malti li Ħarġu fl-1979" f'*Il-Malti* (Jannar-Diċembru 1980), p. 41-44.

dawn wieħed isib l-artikli u l-editorjali lingwistiċi u letterarji b'enfasi fuq l-ortografija[10] u ż-*Żieda mat-Tagħrif*[11] kif ukoll tifkira ta' l-anniversarju mit-twelid tal-Moviment Qawmien Letterarju[12]. Ma jonqsux ukoll artikli dwar sussidji[13], donazzjonijiet[14], u fundazzjonijiet[15]. F'dawn l-artikli u l-editorjali wieħed isib referenza għall-ħarġiet speċjali[16] u dwar ir-rivista *Il-Malti.*[17] Fuq kollox dawn l-artikli u l-editorjali, għandhom l-għan li mhux biss jaġġornaw lill-imseħbin bix-xogħol li qed twettaq l-Akkademja, iżda tħeġġeġ lilhom u lill-qarrejja in ġenerali sabiex jaħdmu favur dak kollu li hu Malti.

Kittieba bħal Dun Karm, Anastasju Cuschieri, Anton Buttigieg, Ninu Cremona, Ġużè Galea, u Karmenu Vassallo huma fost l-ewlenin li ħabirku favur il-kawża Maltija. Kien xieraq għalhekk li l-Akkademja tal-Malti tiddedika numri speċjali tal-ħarġiet tagħha sabiex tfakkar lil dawn l-awturi[18]. Dawn il-bijografiji miktuba bi stil enkomjastiku,[19] ifakkru fix-xogħlijiet u fil-ħajja ta' l-awtur konċernat, kif ukoll fl-istorja għax din hija, *the essence of innumerable biographies,* [20] u *there is properly no history, only biography.* [21] Min-naħa l-oħra, il-bijografija hija, *history of particular men's lives*.[22] Għaldaqstant episodji ewlenin mill-ħajja ta' awturi ngħataw fl-anniversarji ta' twelidhom jew mewthom[23].

---

[10] Diacono, Ġ., "L-Ortografija Tal-Malti" f'*Il-Malti* (Ġunju-Diċembru 1977), p. 1-2.
[11] Ghigo, J.M., "Żieda Mat-Tagħrif (1924-84)" f'*Il-Malti* (Sena 1987), p. (i-viii).
[12] Mizzi, A., "Il-Moviment Qawmien Letterarju-Tletin Sena Wara" f'*Il-Malti* (Settembru 1997) p. 1.
[13] Ghigo, J.M., "Mill-Parlament" f'*Il-Malti* (Sena 1987), p. 22-23.
[14] Diacono, Ġ., "Karmen Micallef Buhagiar" f'*Il-Malti* (Marzu-Ġunju 1979), p. 32.
[15] Agius Muscat, A., "Madwarna-The Hugh Muscat Azzopardi Fund" f'*Il-Malti* (Diċembru 1972) p. 111-112.
[16] Ghigo, J.M., "Tislima lil Karmenu Vassallo" f'*Il-Malti* (Sena 1988), p. 1-2.
[17] Zarb Adami, G., "Kif Bdiet u Mxiet l-Akkademja tal-Malti" f' *Il-Malti* (Ġunju 1973), p. 48-51; (Settembru 1973), p. 82-84.
[18] Ghigo, J.M., "Lil Dun Karm Jixraqlu Tassew" f'*Il-Malti* (It-tielet u r-raba' ktieb 1986), p. 1-3.
[19] Carey, G., u Snodgrass, M.E., "Encomium" f'*A Multicultural Dictionary of Literary Terms"* (Pubblikaturi Mc.Farland u l-Kumpanija Inkorporata, 1999), p. 53.
[20] Carlyle, T., f'Shaw, H., *Concise Dictionary of Literary Terms* (L-ewwel Mc.Graw-Hill Paperback, 1976), p. 37
[21] Emerson, R.W., f'Shaw, H., *Concise Dictionary of Literary Terms* (L-ewwel Mc.Graw-Hill Paperback, 1976), p. 37.
[22] Dryden, J., f' Cuddon, J.A., *A Dictionary of Literary Terms and Literary Theory*, (Ir-raba' edizzjoni Pubblikaturi Blackwell Ltd., 1998) p. 83.
[23] Briffa, C., "Insellmu lil min Ħalliena" f'*Il-Malti* (Ottubru 1998), p. 11-16.

Ħafna mill-elementi u l-valuri li jħaddnu x-xogħlijiet ta' dawn l-awturi ġew mistħarrġa, deskritti u analizzati [24]. Il-kritika l-ġdida riedet teħles mill-impressjoniżmu tal-kritika tradizzjonali u ssir xjentifika billi tistħarreġ it-test fih innifsu, bħala xogħol awtonomu magħmul mill-partijiet li hemm fih. It-test kellu jinqara fl-irqaqat formali tiegħu kollha, waqt li l-personalità ta' l-awtur, ir-rilevanza morali u soċjali tax-xogħol, kellhom jitqiesu bħala barranin għall-kritika. Kritiċi ġodda bħal Kenneth Burke u Cleanth Brooks qablu li l-kitba letterarja għandha titqies bħala sistema organizzata tal-kliem u mhux bħala fergħa ta' oqsma speċifiċi oħra skond in-natura tal-kontenut. Għal dan il-moviment li beda jixtered fil-bidu tas-seklu għoxrin, J.E. Spingarn uża t-terminu *new criticism* għad li dan hu aktar marbut mal-ktieb ta' John Crowe Ransom, *The New Criticism*.[25]

Fil-kritika letterarja, l-analiżi stilistika hija importanti ħa tikklarifika l-interpretazzjoni jew xi ambigwità. Id-deskrizzjoni stilistika trid tipprovdi r-rispons intuwittiv li jħoss il-bniedem fil-letteratura.[26] L-għan primarju ta' l-istilistika huwa li turi x'inhuma l-fatturi lingwistiċi formali li jikkaratterizzaw il-varjetajiet sabiex il-kelliem ikun jaf bir-restrizzjonijiet kollha.[27] Għaldaqstant "l-istilistika hija l-istudju ta' dik il-varjazzjoni fil-lingwa (l-Istil) li tiddependi fuq is-sitwazzjonijiet li fiha tintuża l-lingwa u tiddependi wkoll fuq l-effett li l-kittieb jixtieq joħloq."[28] Din il-fergħa ta' studju, li tlaqqa' elementi lingwistiċi ma' dawk letterarji, tinvolvi investigazzjoni sħiħa tal-lingwa bħala mezz ta' espressjoni letterarja u tgħin ħafna lill-kritiku biex forsi jifhem xi ftit il-proċess psikoloġiku tal-kittieb.[29] Fir-rivista *Il-Malti*, wieħed isib xi eżempji ta' studji stilistiċi.[30]

---

[24] Friggieri, O. "Anastasju Cuschieri: Is-Solitudni, Il-Kelma, Il-Madonna" f'*Il-Malti* (Sena 1987), p. 5-10.
[25] Friggieri, O., *Dizzjunaru Ta' Termini Letterarji,* (It-tieni edizzjoni Pubblikaturi P.E.G. 1996), p.356.
[26] Crystal D., u Davy D., *Investigating English Style* (Londra, 1969) Kap 1.
[27] Thorne, J.P., "Generative Grammar and Stylistics Analysis" f' *New Horizons in Linguistics* (editur Lyons, J., Penguin, 1971), p. 185.
[28] Briffa, C., "Glossarju" f'*Lingwa u Stil* (Agius u Agius Ltd., 1994), p. 78-79.
[29] Ibid., p. 37.
[30] Briffa, C., "Il-Ġerrejja u Jien ta' Dun Karm-Nota Stilistika" f'*Il-Malti* (It-tielet u r-raba' ktieb 1986), p. 97-101. Ara wkoll "Jekk… ta' Karmenu Vassallo–Nota Stilistika" f'*Il-Malti* (Sena 1988), p. 45-51.

Minbarra l-istudji stilistiċi r-rivista tinkorpora studji lingwistiċi u dwar il-lingwa. Diversi lingwisti taw tifsiriet ta' xi tfisser lingwistika:

> *Linguistics may be defined as the scientific study of language,*[31]
> *Linguistics is the science which attempts to understand language from the point of view of its internal structure,*[32]
> *General linguistics may be defined as the science of language.*[33]

Minn dan it-terminu-siġra jnibbtu diversi frieghi. Fost dawn hemm il-lessiku[34] u l-etimoloġija,[35] il-morfoloġija,[36] is-semantika,[37] u l-ortografija.[38] Temi marbutin ma' dawn l-oqsma huma, "X'inhu Malti Tajjeb",[39] Il-Malti tas-Seklu Tmintax",[40] "Tifsir u l-Użu tal-Kliem",[41] "Għall-Kitba Tajba tal-Malti",[42] u "l-Pari-Passu",[43] bħala studju dwar il-lingwa.

Iżda l-maġġoranza ta' l-istudji f' *Il-Malti* huma reċensjonijiet li jiddeskrivu kotba b'suġġetti varji b'mod speċjali letterarji.[44] Dawn ir-reċensjonijiet, miktubin bi stil diskursiv, kultant jinqdew b'xejriet tal-kritika letterarja u jagħtu wkoll bijografija ħafifa dwar l-awtur. L-għan ta' din l-għamla ta' kitba hi li tagħmel reklam tajjeb għal dawn il-kotba.[45] Din it-taqsima tinkludi wkoll studji bijografiċi,[46] folkloristiċi,[47] letterarji,[48] reliġjużi,[49] soċjali,[50] storiċi,[51] u ġenerali.[52]

---

[31] Lyons, J., *Introduction To Theoretical Linguistics* (Cambridge, 1969), p. 1.
[32] Gleason, H.A., *An Introduction To Descriptive Linguistics* (Londra, 1965), p. 2
[33] Robins, R.H., *General Linguistics: An Introductory Survey* (Londra, 1964), p. 1
[34] Hartman, R.R.K., u James, G., "Lexeme" u "Lexicology" f'*Dictionary Of Lexicography*, (Routledge Londra u New York, 1998), p. 83 u p. 86. rispettivament.
[35] Trask, R.L., *The Dictionary Of Historical And Comparative Linguistics* (Stamperija ta' l-Università Edinburgh Ltd., 2000), p. 110.
[36] Cardona, T., "Il-Morfoloġija tal-Malti" f'*Introduzzjoni Għal-Lingwistika Maltija* (Pubblikazzjoni Mireva, 1997), It-tmien kapitlu, p. 129.
[37] Crystal, D., "Semantics", f'*The Cambridge Encyclopedia Of Language* (It-tieni edizzjoni, Stamperija ta' l-Università Cambridge, 1997), sezzjoni 17, p. 100.
[38] Mifsud, M., "Ir-Regoli Tal-Kitba Tal-Malti" f'*Il-Malti* (Ottubru 1999), p. 15-21.
[39] Bovingdon, R., f'*Il-Malti* (Diċembru 1972), p. 107-110.
[40] Cassar Pullicino, Ġ., f'*Il-Malti* (L-ewwel u t-tieni ktieb 1985), p. 41.
[41] Apap, V., "il-Verb Ġie" f'*Il-Malti* (Settembru 1972), p. 94-95.
[42] Agius, M., f'*Il-Malti* (Settembru 1971), p. 85-88.
[43] Camilleri, J.J., f'*Il-Malti* (It-tielet u r-raba' ktieb 1985), p. 43-46.
[44] Għal definizzjoni ta' "X'Inhi Letteratura", ara: Wellek, R., u Warren, A., "The Nature of Literature" f'*Theory Of Literature* (New Haven, Settembru, 1962), It-tieni kapitlu, p. 20-28.
[45] Friggieri (1996), op.cit., p. 596.
[46] Quintano, L.,"Dun Karm-Ħajja u Karattru" f'*Il-Malti* (Settembru 1971), p. 90-91.
[47] Kilin., "Pizzi Pizzi Kanna" f'*Il-Malti* (Diċembru 1976), p. 111-112.
[48] Attard, E.P., "Il-Bulgarija u l-Letteratura Tagħha" f'*Il-Malti* (Settembru 1970), p. 77-81.
[49] Sant, Dun K., "Storja tal-Bibbja bil-Malti" f'*Il-Malti* (L-ewwel u t-tieni ktieb 1985), p. 20-27.

L-element soċjali tar-raħal Malti u l-ħajja raħlija ta' xi karattri huma wkoll temi li ġew ittrattati fl-esejs, fin-novelli, u fl-istejjer. Skond Edgar Allen Poe, li hu deskritt bħala l-pijunier ta' l-istorja qasira moderna, ifisser dan il-ġeneru bħala, *a prose narrative, often concentrating on a certain unique or single effect which could be read at one sitting of half an hour to two hours.*[53] Għalkemm l-istorja tħaddan anqas karattri u inċidenti hija taqsam ħafna karatteristiċi tan-novella.

Fil-fatt "in-novella hija għamla ta' proża narrattiva qasira u fittizja bbażata fuq ġrajja jew esperjenza prinċipali waħda jew xi personalità ewlenija minsuġa bi stil u b'xejra tal-proża adattati li jagħtu fatti li malajr iwasslu għall-qofol u għall-għeluq tagħha b'mod drammatiku jew b'xi sorpriża."[54]

Iżda dawn il-karatteristiċi jinsabu wkoll fl-esej. Bħala forma artistika l-esej trabba fil-punent ta' l-Ewropa. Dan il-ġeneru żviluppa l-aktar fl-Ingilterra u jitqies bħala wieħed mill-glorji tal-letteratura Ingliża.[55] Iżda l-esej oriġina fi Franza permezz ta' Michel Eyquem de Montaigne. Għalhekk jista' jingħad li l-esej twieled fl-1571 meta Montaigne kiteb l-ewwel esejs tiegħu u li aktar tard ġew ippubblikati fl-1580. Montaigne inqeda bil-kelma *essai* biex jirreferi għall-kitbiet tiegħu:[56] *Les Essais de Michel seigneur de Montaigne.* Huwa kien iħares lejn l-esej bħala proża qasira, bi stil mexxej u ħafif dwar kwalunkwe suġġett. Minkejja li l-kittieb sikwit joħroġ 'il barra mis-suġġett, fil-komunikazzjoni tiegħu mal-qarrej juri kif id-dinja tidher mil-lenti ta' l-awtur. Edmond Gosse jiġbor fil-qosor l-essenzjal ta' l-esejs ta' Montaigne meta

---

[50] Galea, Patri P., "Min Hu l-Fqir fil-Fehmiet tal-Griegi, tar-Rumani u ta' San Tumas ta' Akwinu", f'*Il-Malti*, (Marzu 1974), p. 18-21, u (Marzu 1975), p. 21-24.
[51] XXX., "Rajt Malta Tinbidel" f'*Il-Malti* (Settembru 1974), p. 95.
[52] C.S., "Trobbija Tal-Fniek" f'*Il-Malti* (Settembru 1973), p. 94.
[53] Ruse, C., u Hopton, M., *The Cassell Dictionary Of Literary And Language Terms*, (Pubblikaturi Cassell Ltd., 1992) p. 267.
[54] Briffa (1999), op.cit., p. 14.
[55] Birkett, W.N., *Encyclopedia Britannica 1970*, It-tmien volum, p. 713.
[56] Marriott J.W., *Modern Essays And Sketches* (T.Nelson & Sons Ltd., Londra u Edinburgh, 1942), p. ix; Mee, A., *The Children's Encyclopedia* (Kumpanija Ktieb ta' l-Edukazzjoni Ltd., Londra, ir-raba' volum), p. 2969., fi Briffa, C., *Ħsieb u Kitba,* (Pubblikazzjoni Valletta Ltd., 1990).

jgħid: *Montaigne introduced the fashion of writing briefly, irregularly, with constant digressions and interruptions, about the world as it appears to the individual who writes.*[57]

Għalhekk il-proża narrattiva qasira hu terminu–umbrella li jiġbor taħtu diversi forom bħan-novella,[58] l-esej narrattiv[59] u r-rakkonti sempliċi.[60] Dawn kollha għandhom karatteristiċi komuni għax huma kollha qosra, għandhom storja jew ġrajja x'jirrakkontaw, miktubin bil-proża, u s-suġġett tagħhom huwa l-bniedem.[61]

Jekk il-proża tfisser *the right words in the right order*, il-poeżija hija *the best words in the best order.* [62] Għal diversi poeti oħra l-poeżija tfisser:

> *…the rhythmic, inevitably narrative, movement from an overclothed blindness to a naked vision.* [63]
> *Poetry is the spontaneous overflow of powerful feelings: it takes its origin from emotion recollected in tranquility,*[64]
> *Poetry, in a general sense, may be defined to be the expression of the imagination.* [65]

Fl-imgħoddi l-poeżija kienet meqjusa li ġejja mill-ispirtu, mill-Ġinn u l-poeta kien meqjus bħala miġnun. Fil-fatt in-nies ta' Mekka stqarrew dan fuq il-profeta u l-poeta Muħammad:

> u jgħidu:
> "Mel'aħna sa nitilqu l-allat tagħna
> għal poeta miġnun?" [66]

Il-poeti għarfu li l-poeżija fiha ispirazzjoni wkoll. Għalhekk f'ċertu poeżiji tidher xi invokazzjoni lejn xi muża jew alla. Fl-*Enejde* Virġilju jitlob lil Clio u Melpomene, [67]il-mużi

---

[57] Gosse, E., f' Birkett, W.N., *Encyclopedia Britannica 1970*, it-tmien volum, p. 713.
[58] Mangion, F.X., "Stella" f'*Il-Malti* (Marzu 1975), p. 8-13.
[59] Attard, E.F., "Deffien f'Raħal" f'*Il-Malti* (Marzu 1976), p. 11-15.
[60] Mangion, S., "Jum ta' Rożi" f'*Il-Malti* (Ġunju 1971), p. 46-47.
[61] Briffa (1999), op.cit., p. ix-x.
[62] Coleridge, Samuel Taylor., "Table Talk" f'Coleridge, H.N., Coleridge, J.T./ Coleridge, S.T., editur Woodring, C., *"The Collected Works of Samuel Taylor Coleridge"* l-ewwel u t-tieni volum (Serje Bollingen) (Routledge, 1990), p. 90
[63] Dylan, T., "Poetry", f'Shaw Harry, *Dictionary Of Literary Terms*, (Mc-Graw-Hill Book Company, 1972), p. 292.
[64] Wordsworth, W., "Preface To Lyrical Ballads" fi Brett, R.L. u Jones, A.R., *Wordsworth And Coleridge Lyrical Ballads* (Methuen u l-Kumpanija Ltd., 1965), p. 266.
[65] Shelley, P.B., "A Defence Of Poetry" f'White R. J., *Political Tracts Of Wordsworth, Coleridge And Shelley,*. (Is-Senat, Stamperija ta' l-Università Cambridge, 1953), p. 199.
[66] Teuma, E., *Il-Qur 'ân* (Pubblikazzjoni ĊAK 2000), kapitlu 37, vers 36.
[67] Virgilius Maro P., f' *Eneide.* Traduzzjoni ta' Canali, L., (Mondadori, 1985) (Oscar Klassiċi Griegi u Latini), lib. I 8. p. 2.

ta' l-istorja u tat-traġedja, filwaqt li f'*Catalepton XIV* jitlob lil Venere.[68] F' *De Rerum Natura*, Lukrezju wkoll jitlob l-għajnuna ta' Venere:

*Aenea dum genetrix, hominum divumque voluptas,*
*alma Venus, caeli subter labenta signa*
*te sociam studio scribendis versibus esse.* [69]

Dawn il-poeti jqisu li l-poeżija ġiet mogħtija mill-allat lill-bnedmin. Għalhekk kienu jqisu lilhom infushom bħala l-fomm ta' l-allat, f'pożizzjoni ta' privileġġ, u magħżulin mill-bqija tal-bnedmin. Dan il-ħsieb ġie espress f'diversi poeti Maltin. Fost dawn il-poeta Rużar Briffa jistqarr: "Twilidt…ħa ngħolli ħsiebi fuq il-ħsieb ta' sħabi".[70] .

Filwaqt li l-poeta Tennyson, C. jagħraf l-għerf fil-poeżija, Ovidju jgħid li bis-saħħa tagħha tista' tagħmel kollox, sa ċċaqlaq il-ġebel u tikkwieta l-annimali feroċi:

*Saxa ferasque lyre movit Rhodopeius Orpheus,*
*Tartareosque iacus targeminumque canem.*[71]

Il-poeżija hija wkoll emozzjoni u tolqot lill-qalb.[72] Għandha s-setgħa ttaffi d-dwejjaq u l-uġigħ. Fil-fatt Ovidju kiteb it-*Tristia* u l-*Epistulea ex Ponta* meta kien fl-eżilju biex inessuh id-dwejjaq. F' "La Poesia" Giovanni Pascoli, jgħid:

*Io sono la lampada ch'arde*
*soave!*
*Nell'ore più sole e più tarde,*
*Nell'ombra più mesta, più grave.* [73]

Il-poeżija hija dawl li taqsam id-dlam tan-niket. Skond Wallace Gulia, "meta l-qalb ma tiflaħx aktar u tkun waslet biex tinqasam tinfexx fil-għana." [74] Fil-poeżija l-poeti jafu jgħannu l-ferħ, in-niket, u diversi temi oħra.

---

[68] Virgilius Maro P., "Catalepton XIV'' f'Fairclough, H.R., *Virgil Vol. 2: Aeneid VII – XII. The Minor Poems.* (Stamperija ta' l-Università Harvard 1978-1986) (Il-Librerija Klassika Loeb), p. 506-508.
[69] Lucretius Carus T., f' *De Rerum Natura* Traduzzjoni ta' Giacotti, F., (Garzanti 1994, I Grandi Libri Garzanti), lib. I 1, 2, 24. p. 2.
[70] Briffa, R., "Lil F.S. Caruana" f'*Rużar Briffa: Il-Poeżiji Miġbura:* (Edizzjoni Kritika ta' Friggieri O., Klabb Kotba Maltin, 1983), p. 33-34.
[71] Ovidio Nasone Publio., "Ars Amatoria" iii. V. 321-322 p. 262 f' *L'Arte d'Amare Libro Terzo*, Traduzzjoni u noti ta' Ettore Barelli (Bur Pantheon Milan, 2000).
[72] Vassallo, K., "Il-Muża" fi *Bejn Qċaċet u Qigħan* (Pubblikazzjoni Melitensia, 1974), p. 55
[73] Pascoli, G., "La Poesia" fi *Canti di Castelvecchio* (A. Mondadori editur, Milan, 1931) p. 4 V.
[74] Gulia, W.,"Meta l-qalb ma tiflaħx aktar…" fil-*Poeżiji Miġbura 1947-1972*, (Stamperija Lux, Frar 1974), p. 111.

Iżda l-ħsieb li jgħaqqad il-poeti kollha flimkien jinsab fi kliem Orazju, in-*Non Omnis Moriar.* F'poeżija li ġġib l-istess isem, Dun Karm jistqarr li, "l-għanja ma tmutx" u "minn taħt il-għatu tal-qabar waħdu tibqa' ħierġa safja."[75] Dan il-ħsieb esprimieh ukoll William Shakespeare:

*When in eternal lines to time thou grow'st,*
*So long as men can breathe or eyes can see,*
*So long lives this, and this gives life to thee.* [76]

Skond Platun u Aristotile, *lyric poetry is the poet's own persona; in epic poetry (or the novel) the poet partly speaks in his own person, as narrator, and partly makes his characters speak in direct discourse (mixed narrative); in drama, the poet disappears behind his cast of characters.*[77]

Il-lirika bħala *a poem to be sung by a single singer* u *to include all poetry expressing subjectively the emotion of the poet or those whom he represents,*[78] bdiet titfisser bħala t-terminu umbrella tal-poeżija moderna. Fil-fatt skond il-Professur F.B. Gummere, *the history of modern verse, with epic and drama in decay, is mainly the history of lyrical sentiment.* [79] Għalhekk kull kitba poetika tista' titqies bħala lirika jekk tfisser l-emozzjonijiet qawwija ta' l-awtur. Il-bixra lirika tista' titqies bħala l-karatteristika ewlenija tal-poeżija Maltija, sew għal dik ta' l-ewwel nofs tas-seklu għoxrin, kif ukoll għal dik tat-tieni nofs.

Il-poeżiji liriċi huma diffikultużi biex tikklassifikhom għax id-differenzi bejn it-tipi ma humiex daqshekk distinti. *An obvious method, which does not take us very far, is to group them according to their theme: lyrics of love, of grief, of patriotism, of nature, and the like.* [80] Għaldaqstant iddeċidejt li nikkritika l-poeżiji skond it-tema. Il-lirika ta' l-imħabba hija dik it-tema komuni f'diversi għamliet tal-poeżija.

---

[75] Psaila Dun K., "Non Omnis Moriar" f' Aquilina, Ġ., f *Il-Muża Maltija,* (Ir-raba' edizzjoni mibdula u miżjuda: Stamperija Progress u l-Kumpanija Ltd., 1976), p. 51-54.
[76] Shakespeare, W., "Sonnet 18" f' *The Complete Works Of William Shakespeare* (Kotba Octopus Ltd., 1980), p. 1129.
[77] Aristotile u Platun., "Literary Genres" f'Wellek, R u Warren, A., *Theory Of Literature*, (New Haven, Settembru 1962), p. 227-228.
[78] Macdonald Alden, R., "The Lyric" f'*An introduction To Poetry* (Henry Holt u l-Kumpanija, 1909), p. 55.
[79] Gummere F.B., f'Macdonald Alden, R., "The Lyric" f'*An introduction To Poetry* (Henry Holt u l-Kumpanija, 1909), p. 56.
[80] Ibid.,p. 61.

L-imħabba lejn ir-reliġjon trabbiet u kibret fil-poeta Malti minħabba l-kultura kattolika u t-twemmin nisrani tal-poplu. Fil-kitbiet tal-poeti romantiċi[81] ta' l-ewwel nofs tas-seklu għoxrin, Alla huwa paternalistiku u awtoritarju. Ir-reliġjon kienet esklussivament organizzata u l-knisja evokata bħala l-għarusa ta' Alla. Dawn il-poeti kienu ħerqana lejn il-qaddisin, il-festi u ċ-ċerimonji. Min-naħa l-oħra, il-poeti hekk imsejħa moderni[82] fit-tieni nofs tas-seklu għoxrin, raw lil Alla bħala ambigwu iżda jinħass f'kull ħin. Għal dawn il-poeti, ir-reliġjon kienet personalizzata u wrew sfiduċja fil-forom u fil-formoli esterjuri tagħha. Dawn il-poeti moderni fittxew aktar l-awtentiċità tal-Kristjanità, miftuħa għall-influssi ġodda, u tittollera twemmin ieħor.

Fil-poeżiji reliġjużi l-poeti kollha juru s-sinċerità u l-imħabba nisranija permezz tat-tifħir u t-talb lil Alla,[83] lil Kristu[84] u lil Madonna.[85] Ma' dawn il-poeżiji wieħed jista' jżid dawk li jittamaw fl-eternità.[86] Fost il-karatteristiċi ta' dawn il-poeżiji wieħed isib aspetti mill-ħajja intima tal-poeta, kontroll ta' l-immaġinazzjoni u ta' l-emozzjoni, kif ukoll stil deskrittiv u riflessiv.[87] Ir-riflessjonjiet reliġjużi juru n-nobbiltà tal-qalb, u meta dawn ir-riflessjonijiet jitħalltu mas-soġġettiviżmu[88] tal-poeta joħorġu xi sentimenti li jkunu mnebbħin f'mumenti ta' niket jew ta' ferħ u li juru li sidhom hu wieħed li jaf jaħseb u jħoss. Dawn il-poeżiji huma mnebbħa minn xi qawwa kbira u sinċiera li tolqot u taħkem il-qalb u l-moħħ tal-poeta.[89]

Mill-imħabba mistika l-poeta jgħaddi għal dik familjari. Din il-poeżija taf tkun ħajja u sensittiva għax issawret b'emozzjoni u b'entużjażmu qawwi, kif ukoll bil-passjonijiet umani.

[81] Chetcuti, Ġ.,"Romantiċiżmu", fi *Stilistika Maltija u Movimenti Letterarji*, (Edizzjoni Speċjali Klabb Kotba Maltin, 1985), p. 200-201.
[82] Friggieri, O., "Il-Poeti Moderni 1964-1970" f'*Kittieba Ta' Żmienna* (A.C. Aquilina u l-Kumpanija, It-tieni edizzjoni miżjuda, 1976), p. 172.
[83] Cassola, A.M., "Omm u Tarbija" f'*Il-Malti* (Settembru-Diċembru 1979), p. 24.
[84] Calleja, C.,"Talba" f'*Il-Malti* (Ġunju 1996), p. 10.
[85] Delia Ġ., "Lil Marija Bambina" f'*Il-Malti* (Marzu/Ġunju 1972), p. 12-15.
[86] Zammit, Ġ., "Il-Gawhra" f'*Il-Malti* (Ġunju 1975), p.40.
[87] Alden (1909), op.cit., p.33-34 "Descriptive Poetry" u p. 36-37 "Reflective Poetry".
[88] Friggieri(1996), op.cit., p. 709-710.
[89] Fenech, A., *Analiżi Tar-Rivista Il-Malti 1925-1969* (Teżi mhux Ippubblikata u Mressqa lill-Fakultà ta' l-Arti fl-Università Rjali ta' Malta għall-grad ta' B.A. (Hons) fil-Malti 1974) p. 40-41.

Drabi oħra tieħu sura passiva għax il-poeta huwa kalm u fl-imħabba jsib il-faraġ. L-għamliet huma mwaħħdin mill-fatt li din il-poeżija hija riżultat tar-rispett u l-imħabba lejn il-familjari. Is-sentiment ta' l-imħabba huwa komuni għal kulħadd iżda ġie ttrattat diversament.

Il-poeti tradizzjonali la kienu jaraw u anqas iħossu xi problema dwar ir-rwol tas-sessi. Ir-relazzjoni raġel-mara kellha tendenzi dejjem folkloristiċi, mingħajr kumplikazzjonijiet intellettwali, u romantiċizzata. Min-naħa l-oħra l-poeta modern kien jiddubita minn din ir-relazzjoni u fittex il-bilanċ skond l-*anima* u l-*animus* ta' Jung.[90] Il-poeta ġie influwenzat minn poeti bħal Eluoard u Baudelaire filwaqt li l-assenza tal-persuna maħbuba ġiet poetiċizzata. Il-poeta għadda biex uża lessiku sesswali li beda jkun awdaċi.[91]

Minbarra r-relazzjoni raġel-mara[92], din il-poeżija titratta l-imħabba ta' l-omm u lejha.[93] Il-poeti għannew l-għanja ferrieħa fl-imħabba,[94] u dik tad-dieqa għat-telf[95] u n-nuqqas tagħha.[96]

Il-lirika patrijottika tesprimi imħabba, lealtà u qima lejn art twelid il-poeta. Din tgħin ħafna biex tissaħħaħ in-nazzjonalità Maltija u ssaltan l-għaqda fost il-poplu.

Il-poeti tradizzjonali kienu jidealizzaw il-patrija marbuta mar-reliġjon u l-epika qadima. Il-poeżija ntrabtet mill-qrib mal-folklor[97] u mal-pajsaġġ deskrittiv. Dawn il-poeti kienu aljenati mir-realtà tal-mument u kienu nieqsa mill-inkjesta soċjali. Min-naħa l-oħra l-poeta modern għamel analiżi u wera x-xewqa biex in-nazzjon jemanċipà ruħu intellettwalment. Għalhekk ċaħad l-isterjotip patrijottiku u insista fuq l-inkjesta soċjali.

---

[90] Azzopardi, M., "Glossarju ta' Anima u Animus" fi *Fl-Isfond Ta' Linji Ġodda* (Pubblikazzjoni Librerija Merlin1983), p. 31.
[91] Ibid., p. 25.
[92] Saliba, J., "Elan Vital" f'*Il-Malti*, (Settembru 1972), p. 88.
[93] Busuttil, V. "Lil Ommi" f'*Il-Malti* (Settembru 1972), p. 91.
[94] Zahra, T., "Tqanqiliet" f'*Il-Malti*, (Settembru 1971), p. 84-85.
[95] Bezzina, M.F., "Meta l-Irjieħ" f'*Il-Malti* (Marzu 1974), p. 12.
[96] Camilleri, Dun F., "Bla Qalb!" f'*Il-Malti* (Ġunju 1970), p. 42.
[97] Għal Definizzjonijiet ta' Folklor, Ara Cassar Pullicino, Ġ., "L-ewwel taqsima-Tagħrif Ġenerali dwar il-Folklor, Il-Bidu u X'Inhu Folklor" f'*Il-Folklor Malti* It-tieni edizzjoni miżjuda (Stamperija ta' l-Università Malta, 1975), p. 1-3, u p. 20-23.

Fil-poeżija patrijottika ġew ittrattati diversi temi fosthom bijografiji dwar nies li għamlu ġieħ lil pajjiżhom,[98] dwar l-Ilsien Malti,[99] dwar bini pre-istoriku,[100] dwar l-istorja,[101] il-kultura,[102] il-folklor,[103] ġrajja ta' l-okkażjoni[104] u l-ħajja in ġenerali.[105] Ma' dawn tiżdied ukoll dik il-poeżija li ċċanfar u toħroġ id-difetti, mhux biex tmaqdar iżda biex jiġu irranġati n-nuqqasijiet.[106]

Il-poeżija pastorali[107] tgħanni s-seħer u s-sliem tal-ħajja fil-kampanja, il-ħajja tar-ragħaj, il-qrubija man-natura, il-valuri tal-għajxien lilhinn mill-bliet. Din il-poetika toħloq ambjent fiżiku-spiritwali xieraq mimli hena u maqtugħ mir-realtà komuni. Dan l-ambjent jinħoloq meta l-poeta, waħdu fil-kampanja, irabbat is-seħer u s-sliem tan-natura ma' Dak li ħalaqha.

Ir-Romantiċiżmu hu mnebbaħ mill-pajsaġġ u mid-dinja naturali. Poeti bħal Anton Buttigieg, Dun Karm, u Ġorġ Zammit taw definizzjoni ta' Malta bħala pajjiż raħli u naturali. Fit-tieni nofs tas-seklu għoxrin, poeti bħal Mario Azzopardi, Victor Fenech, u Daniel Massa esprimew nostalġija għall-ambjenti meqruda mill-iżvilupp.

Fost il-poeżiji tan-natura fir-rivista *Il-Malti* hemm dawk dwar l-istaġuni,[108] il-baħar,[109] il-fjuri,[110] l-annimali,[111] in-natura in ġenerali[112] u l-qerda tagħha.[113] Ma' dawn jiżdiedu dawk

---

98 Cardona, Ġ., "F'Jum Dun Karm" f'*Il-Malti* (Diċembru 1975), p. 114.
99 Mifsud, C., "Leħen il-Malti" f'*Il-Malti* (Diċembru 1976), p. 113-114.
100 Borg Ġ., "Għar Dalam" f'*Il-Malti* (Ottubru 1998), p. 24.
101 Gulia, W.Ph., "Ta' Min Kultant Jiftakar" f'*Il-Malti* (Marzu 1971), p. 9-10.
102 Gulia, W.Ph., "It-Tmien Għaġeb tad-dinja" f'*Il-Malti* (Marzu-Ġunju 1979) p. 24.
103 Mangion, F.X., "Il-Leġġenda ta' San Kurradu" f'*Il-Malti* (Settembru 1975), p. 81-85.
104 Sciberras, J., "Ġew Lura" f'*Il-Malti* (Diċembru 1974), p. 116-117.
105 Cassola, A.M., "Belt" f'*Il-Malti* (Settembru 1974), p. 75.
106 Friggieri, O., "Protesta Maltija" f'*Il-Malti* (Marzu 1974), p. 12.
107 Preminger, A., "Pastoral" u "Bucolic" f'*Princeton Encyclopedia of Poetry and Poetics* (L-Istamperija Macmillan Ltd., Londra u Basingstoke, 1975), p. 603-606, u p. 86. rispettivament.
108 Mifsud, P., "Ejja Rebbiegħa Ejja April" f'*Il-Malti* (Marzu 1970), p. 30.
109 Massa, A., "Ħdejn Il-Baħar" f'*Il-Malti* (Ġunju 1974), p. 55.
110 Buttigieg, A., "Fil-Funeral" f'*Il-Malti* (Diċembru 1976), p. 124.
111 Cortis J., "Żwiemel" f'*Il-Malti* (Marzu 1975), p. 26.
112 Vassallo, J.P. "Suite" f'*Il-Malti* (Marzu 1975), p. 14-20.
113 Sciberras, L., "L-Aħħar Għalqa" f'*Il-Malti* (Ottubru 1999), p. 30.

topografiċi[114] mnebbħa wkoll minn post jew pajsaġġ partikolari, imfisser fix-xejriet tiegħu u sikwit imbiddel f'ambjent tal-qagħda ta' ruħ l-awtur.[115] Meta l-post ifarraġ, il-poeżija tkun xi ftit riflessiva mżewqa b'daqsxejn ta' filosofija fuq il-ħajja. Il-poeżija taf tkun deskrittiva, nostalġika, b'sentimenti patrijottiċi u b'karatteristiċi soċjali-folkloristiċi, jekk il-post ikun ir-raħal jew il-pajjiż ta' twelid il-poeta.

Fix-xjuħija meta l-poeta jiftakar f'dawn il-postijiet jagħraf kif għadda ż-żmien. Sikwit tiġih in-nostalġija għaż-żmien l-innoċenza[116] u ż-żgħożija.[117] Għalhekk il-poeżija ħafna drabi turi dieqa u x-xewqa għaż-żmien ħelu kif għaddejtli. Ma' dawn il-poeżiji hemm dawk li jittrattaw ix-xjuħija,[118] l-imgħoddi, il-preżent u l-futur in ġenerali,[119] kif ukoll iż-żmien.[120]

It-teoriji ta' Einstein u Darwin dwar ir-relatività u l-evoluzzjoni kellhom influss fuq il-poeta modern. Il-fatt li t-teorija tar-relatività wriet li ż-żmien huwa bħal dimensjoni oħra tad-dinja fiżika u t-teorija ta' l-evoluzzjoni wriet li mqar id-dinja materjali trid tiġi mifhuma b'mod storiku, qanqal kuxjenza ġdida tat-temporalità.[121] Il-poeti tat-tieni nofs tas-seklu għoxrin ħassew li ma għandhomx ikunu ndifferenti għal żmienhom u rreżistew l-aljenazzjoni. Għalhekk ma baqgħux jgħannu fuq id-dawl u fuq in-natura bl-istess manjiera li għannew il-poeti romantiċi.

Id-diversità fil-mod kif il-poeti ttrattaw it-temi tidher ukoll fl-Eżistenzjaliżmu,[122] moviment li jibni l-viżjoni tiegħu fuq il-konsapevolezza ta' l-individwu tiegħu nnifsu. L-ewwel ġenerazzjoni ta' poeti Maltin kien donnhom jafu sew min huma u meta jgħidu 'jien' ma kinux jiddubitaw dwar l-identità tagħhom. Min-naħa l-oħra fit-tieni ġenerazzjoni beda jidher sinjali

---

[114] Preminger (1975), op.cit., p. 858.
[115] Friggieri, J., "Durham" f'*Il-Malti* (Ottubru 1998), p. 36.
[116] Aquilina, P., "Faraġ U Hena" f'*Il-Malti* (Marzu 1970), p. 22-23.
[117] Gulia, W.Ph., "L-Għasfur Fil-Bitħa Tal-Palazz" f'*Il-Malti* (Marzu 1975), p. 4-5.
[118] Zammit Ciantar, J., "Tereż" f'*Il-Malti*, (It-tielet u r-raba' ktieb 1985), p. 85.
[119] Pickard, E., "Kuntrast" f'*Il-Malti* (Diċembru 1974), p. 109.
[120] Micallef, D., "Is-Sur Ta' Tfuliti" f'*Il-Malti* (Marzu 1973),p. 9-10.
[121] Serracino Inglott, P., "Id-daħla għall-ewwel kapitlu: L-Inkwina taż-Żmien" f'*Linji Ġodda, (*It-tieni ħarġa, edizzjoni Klabb Kotba Maltin, 1981), p. 2
[122] Cuddon, J.A., "Existentialism", f' *A Dictionary Of Literary Terms And Literary Theory* (Ir-raba' edizzjoni, Pubblikaturi Blackwell Ltd., 1998), p. 294-296.

ta' konflitt u firda interna. Id-djalogu fil-poeżija tagħhom beda jkun bejn naħa u oħra fl-istess personalità minflok dak ta' awtur-qarrej. Mill-jien imsaħħar tar-romantiċi l-poeżija għaddiet għat-tkissir kubista u surrealista tal-personalità tal-moderni. Dan jista' jinftihem b'referenza għall-funzjoni tal-baħar bħala fenomenu naturali għar-romantiċi[123] u bħala vehicle metaforiku għall-moderni.[124] Għaldaqstant il-poeżija għaddiet mis-similitudni ta' "jien bħal baħar" għal dik tal-metafora "jien il-baħar".[125] Il-kriżi ta' l-identità ġabet riflessjonijiet fuq il-problemi eżistenzjali fosthom il-mard,[126] it-tbatija,[127] in-niket u l-ferħ,[128] il-ħajja u l-mewt,[129] l-eżistenza u l-verità. [130] Għalhekk il-poeta jitbekka t-tiġrib uman u filwaqt li jistrieħ fil-poeżija, jaqsam dan id-dwejjaq mal-qarrej.

Iżda l-poeta juża l-poeżija wkoll sabiex jgħallem lill-qarrej. Il-moral huwa l-għan u l-qofol tematiku ta' xogħol didattiku. Din l-għamla ta' poeżija hija ċara, edukattiva u moralistika, fejn il-poeta jixtieq li l-qarrej jaqbel miegħu. Poeti kbar bħal Lukrezju, Virġilju, Alexander Pope u Boileau użaw il-letteratura sabiex jilħqu l-għan didattiku. Skond il-prinċipju Orazjan il-poeta għandu jkun utli u ħelu, jgħallem u jagħti pjaċir f'ħin wieħed.[131] Kittieba Maltin bħal Ġan Anton Vassallo[132] u Salvatore Castaldi,[133] tkellmu ħafna drabi dwar id-dmir edukattiv tal-poeta.

Minkejja dan, il-poeżija didattika bħala ġeneru fih innifsu ma qabditx fil-letteratura Maltija. Ir-raġuni għal dan x'aktarx hi, li t-tradizzjoni didattika kienet għoddha mietet diġà fl-Ewropa meta twieldet il-kitba letterarja bil-Malti. Min-naħa l-oħra didattiċiżmu ovvju jidher l-aktar

---

[123] Psaila, Dun K.,"Żagħżugħ Ta' Dejjem" f'*Antoloġija-Dun Karm* (A.C. Aquilina Edituri-Malta, 1979), p. 114-115.
[124] Borg,Ġ.,"Ramla" f'*Solitudni Fir-Ramla* (Stamperija Eagle Tarxien, 1980) p.21.
[125] Friggieri,O., *L-Istudji Kritiċi Miġbura* (Malta University Services Ltd., 1995), p. 486-487.
[126] Gulia, W.Ph. "Cancer and Heart Infarction" f'*Il-Malti* (Ġunju 1975), p. 35.
[127] Agius, M., "X'Inhija l-ħajja" f'*Il-Malti* (Diċembru 1975), p. 115.
[128] Mifsud, P., "Meta Twelidt" f'*Il-Malti* (Settembru 1974), p. 86.
[129] Caruana, P.A. "Serbut" f'*Il-Malti* (Settembru-Diċembru 1979), p. 18.
[130] Vella, J., "Ħsieb il-Bniedem" f'*Il-Malti* (Diċembru 1975), p. 107-111.
[131] Orazju. '*De Arte Poetica'* Traduzzjoni mil-Latin minn Friggieri, O., (Malta Printwell Ltd., 1988), vv. 333-4, 343-4.
[132] Vassallo, Ġ.A., "Ħrejjef Ovvero Saggio Di Favole Morale In Verso" f'Attard, Josette., *L-Estetika Maltija-Antoloġija Kritika* (Pubblikazzjoni Mireva, 1997), p. 47-49.
[133] Castaldi, S., "Della Letteratura Educatrice" f'Attard, Josette., *L-Estetika Maltija-Antoloġija Kritika* (Pubblikazzjoni, Mireva, 1997), p. 67-74.

fil-versi popolari u semi-popolari maħsubin aktarx biex jedukaw lill-kotra. Din ix-xeħta kienet qawwija fil-kitba Maltija u baqgħet tinħass anki fit-tieni nofs tas-seklu għoxrin. L-element didattiku hu minsuġ mal-ħrejjef ta' Ġan Anton Vassallo, mal-leġġendi, mal-poeżija reliġjuża u patrijottika. Id-didattiċiżmu fil-poeżija moderna hu ppreżentat b'impenn b'riżq kawża jew oħra u mhux aktar bħala element integrali fil-kitba. Fost il-poeżiji didattiċi fir-rivista *Il-Malti* hemm dawk li jittrattaw il-valuri,[134] il-ħajja,[135] l-ispiritwalità,[136] kif ukoll dawk li jagħtu pariri bil-għan li jedukaw lill-qarrej [137]biex jagħmel għażliet tajba f'ħajtu.[138]

L-element didattiku jinħass sewwa fl-epigrammi,[139] fil-limerikki,[140] fil-ħajku,[141] fit-tanka,[142] u fil-versi.[143] Kultant it-tagħlim ikun dwar il-karatteristiċi tal-ġeneru nnifsu:

"Lil Epigramm
Is-sura ħelwa ta' naħla
Għandu jkun hemm f'epigramm:
Qsajra, grazzjusa d-daħla,
U xewka fid-denb tinżamm."[144]

Drabi oħra d-didattiċiżmu juri kif il-ġeneru daħal f'pajjiżna:

"Jiena rajtha tinża'
Il-libsa tal-kimono,
Tidher fostna
Kif libbisha Buttigieg:
Bil-libsa Bajda w Ħamra."[145]

L-imħabba,[146] in-natura,[147] il-kwalitajiet[148] u l-etajiet tal-bniedem,[149] il-ħajja u l-mewt,[150] il-lingwistika[151] u l-letteratura[152] huma fost it-temi l-oħra ttrattati f'dawn il-ġeneri. Dawn ġew espressi f'forma qasira, bi stil aktar satiriku[153] milli serju, u b'kontenut li jimplika u jgħallem.

---

[134] Sciberras, P., "Wirt Battal" f'*Il-Malti* (Ottubru 1998), p. 34.
[135] Caruana, P.A., "Ħajja" f'*Il-Malti* (Diċembru 1970), p. 103.
[136] Gulia, W.Ph. "Il-Bniedem u r-Ruħ" f'*Il-Malti* (Ġunju 1973), p. 36.
[137] Zammit Ciantar, J., "Raġuni" f'*Il-Malti* (It-tielet u r-raba' ktieb 1985), p. 86.
[138] Friggieri, O., "Qabel Tagħfas il-ħabel", f'*Il-Malti* (Diċembru 1972), p. 106.
[139] Wahba, M., "Epigram" f' "*A Dictionary Of Literary Terms*" (Kumpanija ta' l-Istampar Dar Al-Qalam, 1974), p. 142.
[140] Packard, W., "Limerick", f'*The Poets Dictionary A Handbook Of Prosody And Poetic Devices*, (Pubblikaturi, Harper u Row, New York, 1989), p. 108.
[141] Deutsh, B., "Haiku" f' *Poetry Handbook A Dictionary Of Terms* (Kumpanija ta' Pubblikazzjoni Inkorporata, Funk u Wagnalls, New York, it-tielet edizzjoni riveduta u mkabbra, 1969), p. 62-63.
[142] Ruse u Hopton (1992), op.cit., p. 287.
[143] Shaw (1972), op.cit., p. 394.
[144] Vassallo, J.P. "Lil Epigramm" f'*Il-Malti* (Ġunju 1973), p. 46.
[145] Nicholas Borg, M., Tanka "Jiena Rajtha Tinża" f'*Il-Malti*, (Sena 1987), p. 25.

Sabiex jilħaq dawn l-għanijiet u jwassal il-messaġġ tiegħu, il-poeta nqeda b'kontenut u b'forma differenti[154]. Il-poeta tradizzjonali kien influwenzat mill-kittieba Neo-Klassiċi[155] u Romantiċi, Latini u Taljani. Għall-poeta romantiku l-ħaddiem kien folklorizzat, umli, rassenjat politikament u moralment, u b'destinu mitluq f'idejn is-sidien u f'idejn is-sema. Il-lingwa kienet użata bħala simbolu nazzjonali. Hija kellha l-għan li teduka u tgħaqqad lill-poplu mifrud minħabba l-fanatiżmu favur l-Italja jew l-Ingilterra. Il-prosodija kienet Taljanizzata, Klassika, bi stil pindariku ta' eżaltazzjoni. Il-poeżija kienet influwenzata mill-ambjent immedjat tal-poeta. Min-naħa l-oħra l-poeta modern ġie influwenzat minn movimenti kontemporanji Anglo-Amerikani u kontinentali fosthom dawk li xerrdu is-Surrealiżmu, l-Imaġiżmu, is-Simboliżmu, il-Grottesk, u l-Konfessjonaliżmu.[156] Influwenzi oħra kienu minn poeti bħal Ezra Pound, Dylan Thomas u T.S. Eliot fost l-oħrajn. Ma' dawn wieħed jista' jżid l-influwenzi tal-Beat, tal-Beatles u Lucio Battisti. F'ċerti minn dawn il-poeti jinħassu fili ta' Marxiżmu-Kristjan. Il-poeta modern sfiduċja l-*establishment* u pprova jnebbaħ lill-ħaddiem mentalment. Il-poeta kellu mottivi mnebbħin minn segwiment ta' l-aħbarijiet internazzjonali, b'impenn fil-problemi ta' l-inġustizzji soċjali. Il-lingwa kienet maħlula, użata għal skop letterarju fih innifsu. Il-prosodija kienet ħielsa, b'użu ġenerali tal-vers ħieles [157] u b'esperimenti bil-vers projettiv imsejjaħ minn Charles Olson bħala *high energy construct.* [158] Elementi grammatikali neqsin fil-poeżija moderna ħalla effetti kbar għax dan għandu *the*

---

[146] Nicholas Borg, M., "L-Imħabba Ratni" f'*Il-Malti* (Sena 1987), p. 24.
[147] Cortis, J., "Żewġ Sodod Sema u Art" f'*Il-Malti* (Ġunju, 1975), p. 59.
[148] Vassallo, J.P., "Kien Twajjeb" f'*Il-Malti* (Settembru 1970), p. 84.
[149] Vassallo, J.P., "Żlaqt fit-Triq Żagħżugħ" f'*Il-Malti*, (Diċembru 1970), p. 99.
[150] Nicholas Borg, M., "Il-Weraq Jaqgħu" f'*Il-Malti* (Sena 1987), p. 24.
[151] Caruana, V., "Kien Hemm raġel" f'*Il-Malti* (Setembru 1973), p.81.
[152] Nicholas Borg, M., "X'ħin il-Poeta" f'*Il-Malti* (Sena 1987), p. 25.
[153] Abrams, M.H., "Satire" f' *A Glossary Of Literary Terms*, is-seba' edizzjoni, (Pubblikaturi, Kulleġġ Harcourt Brace, 1999), p. 275.
[154] Psaila, Dun Karm., "Is-Sengħa tal-Kitba: Biex Wieħed Jikteb Tajjeb" f'*Il-Malti* (Settembru 1926), p. 73. (Għal aktar informazzjoni dwar kontenut u forma ara: Attard, J., "Werrej Ġenerali-Forma Artistika u Kontenut" f'*L-Estetika Maltija Antoloġija- Kritika,* (Pubblikazzjoni Mireva, 1997), p. 339-340.
[155] Friggieri (1996), op.cit., p. 466.
[156] Azzopardi (1983), op.cit., p. 16-20.
[157]'ibid., p. 35.
[158] Olson, C., f'Azzopardi, Mario., *Fl-Isfond Ta' Linji Ġodda* (Pubblikazzjoni Librerija Merlin, 1983), p. 35.

*function of impressionistically evoking psychological states.*[159] Victor Fenech introduċa fużjoni teknika-formali tal-poeżija u tal-proża fil-kitbiet li hu jsejjaħ poeproża.[160] Eżempji ta' poeproża jidhru fil-ktieb tiegħu *F'Altamira* (1979).[161] Eżempji ta' elementi grammatikali neqsin[162] u vers ħieles[163] jinstabu fir-rivista *Il-Malti,* filwaqt li ta' dak projettiv jidher f' *Linji Ġodda.*[164]

Minkejja d-diversità fil-forma, fil-kontenut, fit-temi u fil-ġeneri titla' fil-wiċċ l-unità tematika ewlenija ta' l-identità u l-ħajja tal-ġens Malti. Għalhekk ir-rivista *Il-Malti* hi xhieda ta' dak li qal il-poeta nazzjonali Dun Karm li:

> "…Il-Lsien…huwa l-ewwel karatteristika tan-nazzjonalità, dik illi tagħżel nazzjon minn oħra, poplu minn ieħor; u l-Letteratura, li jien inħobb insejħilha l-awtobijografija ta' nazzjon, hija l-istorja ta' nazzjon, mhux kif jaħsibha u jiktibha bniedem wieħed, iżda storja miktuba paġna minn mijiet ta' kittieba ta' sentimenti diversi, ta' kull naħa tal-pajjiż u f'kull perijodu ta' żmien li jkun għadda minn fuqha. Aqra, eżamina, ifhem il-letteratura ta' poplu, u inti tista' tagħraf mhux biss il-ġrajja li dak il-poplu jkun għadda minnhom, iżda wkoll il-moħħ, il-qalb, il-karattru ta' dak il-poplu."[165]

Dan hu pjuttost dak li jsib fir-rivista *Il-Malti*. Ma' dan jiżdied xogħol l-Akkademja li mhux biss iddefendiet l-Ilsien Malti, iżda wkoll ħabirket sabiex dan jinxtered fl-oqsma kollha tal-ħajja. Fl-Ilsien Malti hija għarfet l-identità ta' Malta bħala nazzjon u b'hekk kienet qed issegwi l-ideali ta' Missier l-Ilsien Malti, Mikiel Anton Vassalli.[166]

Iżda filwaqt li l-kittieb Malti għaraf ġrajjietu, għex ġewwa daru, tlajja fil-pjazza tar-raħal, meraħ fil-kampanja Maltija, għożż il-familja u ħabb ir-reliġjon u l-patrija, nifed iċ-ċokon tal-gżira u ttratta temi lil hinn minnha. Għaldaqstant minn espressjoni nazzjonali għadda għal dik

[159] Leech, G.N., "Varieties Of Poetic Licence" f'*A Linguistic Guide To English Poetry*, (Longman 1969), p. 46
[160] Fenech, V., "Dal-Ktieb" (Id-Daħla) f'*Altamira* (Pubblikazzjoni Gulf 1979).
[161] Ibid., p. 15.
[162] Azzopardi, M., "Tema bil-Kompjuter" f'*Il-Malti* (Marzu 1993), p. 20.
[163] Mizzi, A.,"Bir" f' *Il-Malti* (Marzu 1993), p. 1.
[164] Xuereb, C., "Pessimiżmu", f' Serracino Inglott P., f'*Linji Ġodda*, (It-tieni Ħarġa, Edizzjoni Klabb Kotba Maltin 1981), numru 93.
[165] Psaila, Dun K., "Jitkellem Dun Karm" f'*Il-Malti* (Settembru 1946), p.103.
[166] Vassalli M.A., "Discorso Preliminare" *Ktieb Il-Kliem Malti* (Ruma, A. Fulgonio 1796), p. VII-XLIII u il-"Prefazione" *Motti, Aforismi E Proverbii Maltesi* (Malta, 1828), p. VI.

ta' l-umanità u kiseb dinjità usa. F'dawn it-temi universali,[167] il-kittieb Malti kiser il-limitu taż-żmien u spazju billi miss f'kontinwità kożmika id-dejjem u kullimkien, l-eternità u t-totalità.

[167] Clarke Prescott, F., "The Universality of Poetry" f'*The Poetic Mind* (Il-Kumpanija Macmillan, 1922), Is-seba' kapitlu p. 106-121.

BIBLIJOGRAFIJA

Abrams, M.H., *A Glossary Of Literary Terms*, Is-Seba' Edizzjoni, (Pubblikaturi, Kulleġġ Harcourt Brace, 1999).

Akkademja tal-Malti., *Il-Malti* (Rivista 1925-1999).

Aquilina, Ġ., *Antoloġija ta' Proża Maltija*, (Pubblikazzjoni A.C. Aquilina u l-Kumpanija, l-Ewwel Volum, Stamperija Union, Malta, 1980).

Aquilina, Ġ., *Il-Muża Maltija,* (Ir-Raba' Edizzjoni Mibdula u Miżjuda: Stamperija Progress u l-Kumpanija Ltd., 1976).

Aquilina, Ġ., *Studji Kritiċi Letterarji* (Pubblikazzjoni A.C. Aquilina u l-Kumpanija, It-Tielet Edizzjoni, Stamperija Union, Malta 1977).

Aquilina, J., *English - Maltese Dictionary Vol A - Vol D* (Kotba Midsea Ltd., 1999)

Aquilina, J., *Maltese - English Dictionary L-Ewwel Volum* (Kotba Midsea Ltd., 1987).

Aquilina., J *Maltese – English Dictionary It-Tieni Volum* (Kotba Midsea Ltd., 1990)

Attard, J., *L-Estetika Maltija-Antoloġija Kritika* (Pubblikazzjoni Mireva, 1997).

Azzopardi, M., *Fl-Isfond Ta' Linji Ġodda* (Pubblikazzjoni Librerija Merlin, 1983).

Birkett, W.N., *Encyclopedia Britannica 1970*, It-Tmien Volum.

Borg,Ġ., *Solitudni Fir-Ramla* (Stamperija Eagle Tarxien, 1980).

Brett, R.L. u Jones, A.R., *Wordsworth And Coleridge Lyrical Ballads* (Methuen u l-Kumpanija Ltd., 1965).

Briffa, C., *Ħsieb u Kitba* (Pubblikazzjoni Valletta, 1990).

Briffa, C., *In-Novella Maltija* (PIN, 1999).

Briffa, C., *Lingwa u Stil* (Agius u Agius Ltd., 1994),

Briffa, R., *Rużar Briffa: Il-Poeżiji Miġbura:* (Edizzjoni Kritika ta' Friggieri O., Klabb Kotba Maltin, 1983).

Cardona, T., *Introduzzjoni Għal-Lingwistika Maltija* (Pubblikazzjoni Mireva, 1997).

Carey, G., u Snodgrass, M.E., *A Multicultural Dictionary of Literary Terms* (Pubblikaturi Mc.Farland u l-Kumpanija Inkorporata, 1999).

Cassar Pullicino, Ġ., *Il-Folklor Malti* (It-Tieni Edizzjoni Miżjuda, Stamperija ta' l-Università Malta, 1975).

Chetcuti, Ġ., *Stilistika Maltija u Movimenti Letterarji* (Edizzjoni Speċjali Klabb Kotba Maltin, 1985).

Childers, J. u Hentzi, G., *The Columbia Dictionary of Modern Literary and Cultural Criticism* (Stamperija ta' l-Università Columbia, New York 1995).

Clarke Prescott, F., *The Poetic Mind* (Il-Kumpanija Macmillan, 1922).

Coleridge, S. T., *Table Talk,* Coleridge, H.N., Coleridge, J.T./ Coleridge, S.T., Editur Woodring, C., *The Collected Works of Samuel Taylor Coleridge*, L-Ewwel u t-Tieni Volum (Serje Bollingen) (Routledge, 1990).

Coleridge, S.T., *Table Talk and Omniana* (Stamperija ta' l-Università Oxford, 1917).

Coyle, M., Garside, P., Kelsall, M., Peck, J., *Encyclopaedia of Literature and Criticism* (Routledge, Londra, 1991).

Crystal D., u Davy D., *Investigating English Style* (Londra, 1969).

Crystal, D., *The Cambridge Encyclopedia Of Language* (It-Tieni Edizzjoni, Stamperija ta' l-Università Cambridge, 1997).

Cuddon, J.A., *A Dictionary Of Literary Terms And Literary Theory* (Ir-Raba' Edizzjoni, Pubblikaturi Blackwell Ltd., 1998).

Deutsh, B., *Poetry Handbook A Dictionary Of Terms* (Kumpanija ta' Pubblikazzjoni Inkorporata, Funk u Wagnalls, New York, It-Tielet Edizzjoni Riveduta u Mkabbra, 1969).

Fairclough, H.R., *Virgil Vol. 2: Aeneid VII – XII. The minor poems.* (Stamperija ta' l-Università Harvard 1978-1986) (Il-Librerija Klassika Loeb).

Fenech, A., *Analiżi Tar-Rivista Il-Malti 1925-1969* (Teżi Mhux Ippubblikata u Mressqa lill-Fakultà ta' l-Arti fl-Università Rjali ta' Malta għall-grad ta' B.A. (Hons) fil-Malti, 1974).

Fenech, D., *Għas-Sejħa ta' l-Għana* (Malta, 1980).

Fenech, V., *Altamira* (Pubblikazzjoni Gulf, 1979).

Fowler, R., *A Dictionary of Modern Critical Terms* (Routledge u Kegan Paul Ltd., Londra u New York, 1987).

Friggieri, O., *Dizzjunaru Ta' Termini Letterarji* (It-Tieni Edizzjoni Pubblikazzjoni P.E.G., 1996).

Friggieri, O., *Il-Kuxjenza Nazzjonali Maltija* (Pubblikazzjoni P.E.G., 1995).

Friggieri, O., *Il-Poeżija Maltija* (Pubblikaturi Università ta' Malta, Ltd., 1996).

Friggieri, O., *Ir-Ruħ Fil-Kelma* (Klabb Kotba Maltin, 1973).

Friggieri, O., *Kittieba Ta' Żmienna* (A.C. Aquilina u l-Kumpanija, It-Tieni Edizzjoni Miżjuda, 1976).

Friggieri, O., *L-Idea Tal-Letteratura* (Pubblikazzjoni Bugelli, 1986).

Friggieri, O., *Storja tal-Letteratura Maltija* (L-Ewwel Volum, Klabb Kotba Maltin, 1979).

Friggieri,O., *L-Istudji Kritiċi Miġbura* (Malta University Services, 1995).

Gleason, H.A., *An Introduction to Descriptive Linguistics* (Londra, 1965)

Groden M., u Kreiswirth., *The Johns Hopkins Guide To Literary Theory and Criticism* (L-Istamperija ta' l-Università Johns Hopkins Baltimor u Londra 1994)

Gulia, W., *Poeżiji Miġbura 1947-1972* (Stamperija Lux, Frar 1974).

Hartman, R.R.K., u James, G., *Dictionary Of Lexicography* (Routledge, Londra u New York, 1998).

Hutchins, R. M., *Great Books of the Western World*, Volumi 4, 7-9, 12, 13, 25-27., (Benton, W., Pubblikatur, Enċiklopedija Britannica, Inkorporata, Chicago, 1952).

Leech, G.N., *A Linguistic Guide to English Poetry* (Longman 1969).

Lucretius Carus T., f' *De Rerum Natura* Traduzzjoni ta' Giacotti, F. (Garzanti 1994, I Grandi Libri Garzanti), lib. I

Lyons, J., *Introduction to Theoretical Linguistics* (Cambridge, 1969).

Macdonald A. R., *An introduction To Poetry* (Henry Holt u l-Kumpanija, 1909).

Marriott J.W. *Modern Essays and Sketches* (T.Nelson & Sons Ltd., Londra u Edinburgh, 1942).

Mee, A., *The Children's Encyclopedia* (Kumpanija Ktieb ta' l-Edukazzjoni Ltd., Londra, Ir-Raba' Volum).

Orazju. '*De Arte Poetica'* Traduzzjoni mil-Latin minn Friggieri, O. (Malta Printwell Ltd., 1988).

Ovidio, Nasone Publio., *L'Arte d'Amare Libro Terzo*, Traduzzjoni u Noti ta' Ettore Barelli (Bur Pantheon Milan, 2000).

Packard, W., *The Poets Dictionary A Handbook Of Prosody And Poetic Devices* (Pubblikaturi, Harper u Row, New York, 1989).

Pascoli, G., *Canti di Castelvecchio* (A. Mondadori editur Milan, 1931).

Preminger, A., *Princeton Encyclopedia of Poetry and Poetics* (L-Istamperija Macmillan Ltd., Londra u Basingstoke, 1975).

Preminger, A., *The PrincetonHandbook of Poetic Terms* (Stamperija ta' l-Università Princeton, New Jersey, 1986).

Psaila, Dun Karm., *Antoloġija-Dun Karm* (A.C. Aquilina Edituri Malta, 1979).

Robins, R.H., *General Linguistics: An Introductory Survey* (Londra, 1964).

Ruse, C., u Hopton, M., *The Cassell Dictionary Of Literary And Language Terms* (Pubblikaturi Cassell Ltd., 1992).

Serracino Inglott, P., *Linji Ġodda* (It-Tieni Ħarġa, Edizzjoni Klabb Kotba Maltin 1981).

Serracino Inglott, M., *Id-Dizzjunarju Malti u Teżawru ta' Malti Mħaddem*, (Pubblikazzjoni Librerija Merlin, 2000).

Serracino Inglott, P., *Ilħna Mkissra* (Pubblikazzjoni Bugelli, 1989).

Shakespeare, W., *The Complete Works Of William Shakespeare* (Kotba Octopus Ltd., 1980).

Shaw, H., *Concise Dictionary of Literary Terms* (L-Ewwel Mc.Graw-Hill Paperback, 1976).

Shaw, H., *Dictionary Of Literary Terms* (Mc-Graw-Hill Book Company, 1972).

Steinberg S. H., *Cassell's Encyclopaedia Of Literature* L-Ewwel u t-Tieni Volum (Cassell u l-Kumpanija Ltd., Londra, 1953)

Teuma, E., *Il-Qur 'ân* (Pubblikazzjoni ĊAK 2000).

Thorne, J.P., *New Horizons in Linguistics* (Editur Lyons, J., Penguin, 1971).

Trask, R.L., *The Dictionary Of Historical And Comparative Linguistics* (Stamperija ta' l-Università Edinburgh Ltd., 2000).

Vassalli, M.A., *Ktieb il-Kliem Malti* (Ruma, A. Fulgonio, 1796).

Vassalli, M.A., *Lexicon ta' Mikiel Anton Vassalli*, bi prreżentazzjoni u annotamenti ta' Sammut, F. (SKS, 2002).

Vassalli, M.A., *Motti, Aforismi E Proverbii Maltesi* (Malta, 1828).

Vassallo, K., *Bejn Qċaċet u Qigħan* (Pubblikazzjoni Melitensia, 1974).

Vassallo, K., *Nirien* (It-Tieni Edizzjoni, Pubblikazzjoni P.E.G., 1984).

Vassallo, K., *Vatum Consortium* (Dar ta' San Ġużepp, Malta, 1968).

Virgilius Maro P., *Eneide.* Traduzzjoni ta' Canali, L. (Mondadori, 1985) (Oscar Klassici Griegi u Latini), L-Ewwel Ktieb.

Virgilius Maro P., Fairclough, H.R., *Virgil Vol. 2: Aeneid VII – XII. The Minor Poems.* (Stamperija ta' l-Università Harvard 1978-1986) (Il-Librerija Klassika Loeb).

Wahba, M., "*A Dictionary Of Literary Terms*" (Kumpanija ta' l-Istampar Dar Al-Qalam, 1974).

*Webster's 3rd New international Dictionary* (Kumpanija G.u C. Merriam, 1961).

Wellek, R., u Warren, A., *Theory Of Literature* (New Haven, Settembru, 1962).

White R. J., *Political Tracts Of Wordsworth, Coleridge And Shelley* (Is-Senat, Stamperija ta' l-Università Cambridge, 1953).

Zarb, T.,*Il-Poeżija Moderna* (Studju dwar l-Antoloġija *Ilħna Mkissra*) (Pubblikazzjoni Grima, 1990).